# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 6**

**Avviz numru 103/02/SM**

**Infomate Limited**

**vs**

**Neville Attard**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u disgha u tletin liri Maltin u sitta u tletin centezmi (LM3039.36) import ta' tmien (8) kambjali (annessi u mmarkati bhala Dok. A1 sa A8) iffirmati minnu a favur ta' l-istess socjeta' attrici, tnejn minnhom fl-ammont ta' tlett mija sebgha u tmenin liri Maltin u tlett centezmi (LM387.03) l-wahda u sitta l-ohra fl-ammont ta' tlett mija u sebgha u sebghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (LM377.55,0) l-wahda, u li skadew rispettivament fit-30 ta' Mejju, 2001, fit-30 ta' Gunju 2001, fit-30 ta' Lulju 2001, fit-30 ta' Awissu 2001, fit-30 ta'**

**Settembru 2001, fit-30 ta' Ottubru 2001, fit-30 ta' Novembru 2001, u fit-30 ta' Dicembru 2001 minghajr ma thallsu minnu;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-20 ta' Settembru, 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid pprezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-iskadenza relattiva sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta' Marzu tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**